MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-3 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 1614/1996/1

Kawza fil-lista: 40

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Billi l-kontendenti zzewgu fis-17 ta' Jannar 1974.

Billi mill-imsemmi zwieg il-kontendenti kellhom zewgt itfal wiehed minnhom minuri D ta' sbatax-il sena.

Billi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m' ghadhiex iktar possibli billi l-konvenut ikkommetta adulterju, theddid,

swat, eccessi u ingurji gravi di fronte ghall-istanti u inoltre z-zwieg ta’ bejniethom tkisser irrimedjabilment.

Billi l-attrici giet awtorizzata mis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili tipprocedi ghas-separazzjoni personali kontra l-konvenut bis-sahha tad-digriet emanat fit-22 ta’ Frar 1996.

U billi l-istess Sekond’ Awla tal-Qorti Civili awtorizzat ukoll illi l-attrici tghix flimkien mal-minuri D, fid-dar taz-zwieg li tinsab f’ “Desmarie House”, Plot 1, Triq San Piju X, St. Lucia, u dana ad eskluzjoni tal-konvenut, zewgha.

Jghid ghalhekk l-istess konvenut l-ghaliex m’ ghandhiex din il-Qorti:-

1. Tippronunzja bejn il-kontendenti s-separazzjoni personali minhabba htija jew htijiet imputabbli lill-konvenut u tawtorizza lill-attrici tghix separata minn mar-ragel;

2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-iben minuri D lill-attrici;

3. Tapplika interament jew in parte s-sanzjonijiet mahsuba fil-Kodici Civili dwar il-firda personali, senjatament l-Artikolu 48 tieghu;

4. Tassenja d-dar matrimonjali lill-attrici biex tghix flimkien mal-minuri u dana ad eskluzjoni tal-konvenut, zewgha.

5. Tillikwida l-komunjoni ta’ l-akkwisti vigenti bejn il-kontendenti u tiddividi u tassenja l-istess skond kif il-Qorti jidrilha hekk xieraq u opportun fic-cirkostanza tal-kaz;

6. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici din ir-retta alimentarja xierqa u adegwata li tigi minn din l-Onorabbli Qorti stabbilita’ ghaliha u ghal binha minuri.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa li:

1. Illi l-esponenti jaqbel li ghandha tigi ddikjarata s-separazzjoni bejnu u bejn martu stante li z-zwieg tal-konjugi tfarrak irrimedjabilment;

2. Illi mhux minnu li l-esponenti rrenda ruhu hati ta' dak li qieghda tallega l-attrici.

3. Illi l-htija tat-tifrik taz-zwieg tal-konjugi B hija imputabbli lill-attrici senjatament minhabba mohqrija tal-attrici versu l-esponenti, in partikolari mohqrija psikologika; u

4. L-esponenti jaqbel li l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnu u bejn l-attrici ghandha tigi xolta u diviza f' porzjonijiet ugwali bejniethom.

5. L-esponenti jopponi illi l-attrici ghandha tigi assenjata d-dar matrimonjali biex tghix flimkien mal-minuri ad eskluzjoni tieghu, u dan peress li din id-dar tista' facilment tinqasam bejn il-kontendenti stante li hija dar enormi b' basement u erba' kmamar tas-sodda. Fil-fatt bint il-kontendenti u zewgha jghixu wkoll fl-imsemmija dar matrimonjali.

Rat il-kontro talba maghmula mill-konvenut rikonvenzjonant u li tinsab inserita fil-process a fols. 57 u 58 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attrici rikonvenzjonata u li tinsab a fols.65 tal-process;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda u l-affidavits prezentati mill-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni u Kontro talba**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qieghda titlob is-separazzjoni personali minn ma’ zewgha l-konvenut ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali.

Minn naha tieghu l-konvenut, filwaqt li jaqbel li z-zwieg tieghu ma’ l-attrici tkisser irrevokabbilment, jattribwixxi l-htija ta’ dan lill-attrici ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikolu 40 ta’ l-istess Kap. 16.

**Separazzjoni Personali**

Illi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fis-17 ta’ Jannar 1994 u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal li llum huma maggjorenni. Jidher li l-inkwiet matrimonjali beda jitfacca circa ghoxrin sena wara, meta l-konvenut dahal f’ relazzjoni extra matrimonjali ma’ mara ohra.

Mill-provi jirrizulta manifestament li l-htija tat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet kienet din ir-relazzjoni adulterusa li l-konvenut kellu ma’ XY li minnha ghandu zewgt itfal li twieldu rispettivament fit-8 ta’ Dicembru 1993 u fit-3 ta’ Settembru 1998.

Il-Qorti tosserva li, ghalkemm il-konvenut jaghmel tentattiv fjakk billi jattribwixxi komportament abusiv fil-konfront tieghu da parti ta’ martu bhala l-kawza tat-tifrik taz-zwieg, il-provi jussuffragaw bis-shih it-tezi ta’ l-attrici kif konfortata mit-tifla tal-partijiet u korroborata bis-shih bit-twelid taz-zewgt itfal barra zwieg li jgorru wkoll il-kunjom tal-konvenut.

Ghaldaqstant l-ewwel talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt fit-termini ta’ l-artikolu 38, u ta’ l-artikolu 40 in kwantu ghall-“ingurja gravi” kommessa minnu fuq perijodu twil ta’ zmien, fil-konfront ta’ martu. B’ hekk huwa ghandu jgorr esklussivament il-htija kollha tat-tifrik taz-zwieg u tal-konsegwenzjali separazzjoni personali, bid-dekadenza kontemplata fl-artikolu 48 tal-Kap.16 applikat fl-intier tieghu.

**Kura u Kustodja**
Illum iz-zewgt itfal tal-partijiet huma maggjorenni, stante li t-tifel D ghalaq it-tmientax il-sena fis-19 ta' Dicembru 1996, u ghalhekk il-meritu tat-tieni talba jinsab esawrit.

**Manteniment**
Illi permezz tas-sitt talba l-attrici qieghda titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lilha retta alimentarja xierqa u adegwata ghaliha.

*Manteniment arretrat*
Illi fin-nota ta' l-osservazzjonijiet taghha l-attrici qieghda ssostni li l-konvenut huwa debitur taghha fis-somma ta' €21,942.70 arretrati ta' manteniment dovut mill-konvenut mit-28 ta' Mejju 1997 u li huwa naqas li jghaddi lill-attrici nonostante digriet tal-Qorti mghoti fl-istess data. Minn naha tieghu l-konvenut, fin-nota tieghu, jinnega li hu kien baqa' inadempjenti f' dan ir-rigward, u jsostni li huwa "baqa' tul dawn is-snin kollha jassisti lil martu finanzjarjament … billi jghaddilha l-flus.."[1]

Illi minn jallega fatt ghandu l-oneru tal-prova ta' l-istess fatt, u ghalhekk kien jinkombi fuq l-attrici li ggib il-prova tal-fatt minnha allegat li hu li l-konvenut ma kienx hallasha l-manteniment dovut minnu.

Il-provi in propositu huma s-segwenti. B' digriet moghti mill-Onorabbli Sekond' Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Frar 1996, il-konvenut kien gie ordnat jhallas lil martu, is-somma ta' €232.94 kull hmistax, li €116.47 minnhom kienu jirrappresentaw manteniment ghaliha.

Illi fid-deposizzjoni taghha moghtija quddiem din il-Qorti fit-2 ta' April 1996 l-attrici tghid li "Bhalissa mhuwiex qed jaghtini manteniment"[2] filwaqt li l-konvenut jghid li ma kienx qieghed jahdem u kien qed jirregistra ghax-xoghol.

---
[1] Nota fol.206
[2] Fol.71 *et seq,*

Illi sussegwentement b’ sentenza[3] mghotija mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] fid-29 ta’ Mejju 1996 il-konvenut kien gie misjub hati li ma kienx hallas mateniment lill-attrici fl-4 ta’ April 1996 u fil-hmistax-il gurnata ta’ qabel, u dan fuq ammissjoni ta’ l-istess konvenut, allura imputat, wara li dana kien obbliga ruhu jghaddi l-manteniment lil martu, flimkien ma’ l-arretrati.

Illi x’ gara wara dwar il-hlas ta’ manteniment lill-attrici jibqa’ misteru ghal din il-Qorti, stante li mill-provi ma jirrizultax, la li l-konvenut ma onerax l-impenn tieghu maghmul quddiem il-Qorti tal-Magistrati, u lanqas li ma hallas il-manteniment dovut.

Illi fis-7 ta’ Gunju 1996 l-impieg li l-konvenut kellu mas-socjeta’ Stainless Steel Products Limited gie terminat “because of redundancies due to a drop in demand.”[4] u l-konvenut ibbenefika minn skema bir-rizultat li nghata s-somma ta’ €8,436.99 bhala ‘retirement benefit.’

Illi sussegwentement, fuq rikors maghmul mill-konvenut fis-7 ta’ Marzu 1997 ghar-revizjoni tal-quantum tal-manteniment, il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili minhabba “illi l-konvenut tkecca bhala ‘redundant’ mill-impieg tieghu”, dik il-Qorti rriduciet il-manteniment ghall-attrici ghas-somma ta’ €93.17 kull hmistax.[5]

Illi minn dan l-istadju ‘l quddiem ma jezistu ebda elementi ta’ prova dwar in-nuqqas ta’ hlas ta’ manteniment allegat mill-attrici; u dana nonostante li l-attrici kienet pprezentat l-affidavit taghha fis-27 ta’ Ottubru 2003 f’ liema affidavit, ghalkemm elenkat dettaljatament il-kontenut tal-assi tal-komunjoni, ma semmghet xejn dwar manteniment; u wkoll nonostante li kienu inzammu zewg seduti peritali fit-23 ta’ April 2003 u fil-11 ta’ Mejju 2004 li fihom kienu nstemghu xhieda prodotti mill-attrici.[6]

---

[3] Fol.38 *et seq.*
[4] Fol.80 *et seq.*
[5] Dok 90 *et seq.*
[6] Vide fols.175, 194 u 195

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba ta' l-attrici ghall-hlas ta' manteniment arretrat mhijiex sostnuta mill-provi, u ghalhekk qed tigi michuda.

*Manteniment futur*

Illi rigward it-talba ghall-hlas ta' manteniment ghall-futur il-Qorti tosserva li din hija gustifikata, principalment l-ghaliex il-konvenut huwa l-parti unikament hatja tal-firda minhabba l-adulterju; ukoll peress li l-attrici qatt ma hadmet wara z-zwieg, u di piu' llum ghandha circa 52 sena, u ghalhekk il-prospetti li din ssib xoghol dicenti ghaliha huma remoti hafna.

Minn naha l-ohra dwar il-konvenut li llum ghandu 55, ma ngabux provi li hu jahdem bi qligh, u ghalhekk il-Qorti, fic-cirkostanzi thoss li hu ghandu jibqa' jhallas lill-attrici s-somma ta' €186.35 kull xahar, [kif hu jsostni fin-nota tieghu li dejjem kien baqa' jaghmel][7] li pero' din il-Qorti fit-termini ta' l-artikolu 54 [3] tal-Kap.16 qieghda tikkomputa fl-ammont ta' €29,071 [Lm12,480][8] ghas-saldu tal-manteniment kollu futur dovut lill-attrici, u li ghandhom jithallsu mis-sehem tal-konvenut mir-rikavat tal-bejgh tad-dar. Fil-frattemp il-konvenut ghandu jibqa' jhallas il-manteniment bl-imsemmija rata, u l-manteniment hekk imhallas jigi sussegwentement imnaqqas mill-imsemmija somma.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

Illi anke dwar dan l-aspett tal-kawza, il-provi huma piuttost skarsi, u l-attrici strahet fuq dak allegat minnha bil-gurament.

*Likwidazzjoni*

Mill-provi jirrizulta li l-assi tal-komunjoni jikkonsistu fis-segwenti:

[1] Id-dar matrimonjali bl-isem "Des Mari House" Triq San Piju X, Santa Lucija li ghandha valur ta' tlett mija sitta u ghoxrin elf, mija u tnax [€326,112] ewro ekwivalenti ghal

[7] Nota para.3 - fol.206
[8] Lm80 x 12 x 13 = Lm12,480

[Lm140,000]; flimkien mal-oggetti mobbli ta’ go fih, inkluz oggetti tad-deheb u hagar prezjuz;

[2] L-inkwilinat tal-fond bl-isem “Josef” Triq Viani Sliema;

[3] Il-vettura Peugeot numru IBA 942 mixtrija mill-attrici u li llum tinsab fil-pussess tal-konvenut, u li l-Qorti arbitrio boni viri qed tistma fis-somma ta’ erbat elef, sitt mija disa u hamsin ewro [€4,659] ekwivalenti ghal [Lm2,000];

[4] Houseloan mal-HSBC, li skond l-attrici jammonta ghal circa sebat elef, sitt mija seba u tmenin ewro [€7,687] ekwivalenti ghal [Lm3,300];

[5] L-ammont ta’ €8437, rapprezentanti l-early retirement benefit percepit mill-konvenut, u l-ammont ta’ St.8300 ekwivalenti ghal circa €9317 percepit mill-attrici.

Illi in propositu l-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:

[a] Illi, ghalkemm l-attrici fin-nota taghha ssostni li fil-komunjoni hemm l-vettura Kia Avella numru DIN 777, u l-vettura Charmant chassis numru 605102; u ghalkemm issostni wkoll l-konvenut ghandu depozitu bankarju fil-Bank of Valletta fil-kont numru 40012513875 miftuh fit-13 ta’ April 2003; u ghalkemm issotni wkoll li l-komunjoni ta’ l-akkwisti ghandha dejn ta’ €2474 – hija ma gabet ebda prova in propositu; kif lanqas gabet prova ta’ l-allegazzjoni taghha li mis-sena 1997 il-loan tal-bank baqghet thallasha hi waheda b’ rati mensili ta’ €70;

[b] Illi, ghalkemm l-attrici qed tippretendi li ghandhom jidhlu fil-komunjoni ta’ l-akkwisti l-ghamara li tinsab fil-fond “Josef” mikri mill-konvenut u li fih toqghod il-habiba tieghu, hija naqset li tinkludi l-ghamara u l-oggetti mobbli ezistenti fid-dar matrimonjali u li, fin-nuqqas ta’ provi li juru l-kuntrarju, ghandhom jitqiesu bhala parti mill-komunjoni bis-sahha tal-presunzjoni legali.

In propositu ghall-effetti mobbli f’ dan il-fond, l-attrici naqset li tipprova [1] il-konsistenza taghhom; u [2] li dawn

l-effetti gew akkwistati minn zewgha, u mhux mill-persuna li kienet qed tghix mieghu hemmhekk.

[c] Illi rigward l-ammont ta' Stg 8,300 percepit mill-attrici, il-Qorti tossrva li mill-provi jirrizulta adegwatament provat li Lm2,000 kienu nghataw lura lit-tifla tal-partijiet peress li l-attrici kienet ghamlet uzu minn fondi bankarji li kellha tat-tifla izda li kienu fuq isem l-attrici, liema fatt gie konfermat mill-istess tifla; filwaqt li l-kumplament kien inzamm mill-attrici. Il-Qorti tosserva li l-allegat dejn tal-partijiet fl-ammont ta' Lm1,000 ma' omm l-attrici ma jirrizultax provat.

[d] Illi l-Qorti tosserva li fl-udjenza tad-9 ta' Gunju 2004 il-provi kienu gew dikjarati maghluqa minn din il-Qorti diversament presjeduta, u ghalhekk l-attrici ma setghetx, minghajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti tipprezenta lista ta' dokumenti fit-30 ta' Gunju 2006 gurnata wara l-prezentata tan-nota ta' sottomissjonijiet taghha  Ghalhekk in-nota ta' l-attrici prezentata fit-30 ta' Gunju 2006 u minghajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti, hija nammissibbli u konsegwenzjalment qed tordna li l-istess nota flimkien mad-dokumenti annessi maghha, jigu sfilzati a kura tar-Registratur, minn fol.211 sa fol.234.

<u>*Assenjazzjoni*</u>
Illi tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, inkluza l-htija tal-konvenut ghas-separazzjoni, il-Qorti tordna s-segwenti assenjazzjoni ta' l-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti:

[1] Illi d-dar matrimonjali bl-isem "Des Mari House' Triq San Piju X, Santa Lucija flimkien mal-appartenenzi taghha, ghandha tinbigh bil-valur ta' mhux anqas minn tlett mija sitta u ghoxrin elf, mija u tnax [€326,112] l-ewro ekwivalenti ghal [Lm140,000] fuq is-suq hieles fi zmien sena, u wara l-gheluq is-sena, il-fond ghandu jinbigh bis-subbasta.

L-attrici qed tigi ordnata bil-gudizzju odjern li tivvaka l-imsemmi fond, flimkien mal-okkupanti l-ohra tieghu, gheluq l-imsemmi perijodu ta' sena.

Illi mir-rikavat tal-bejgh ghandhom, qabel kollox, jigu saldati d-djun kollha relatati mal-istess fond, u wara, ir-rikavat ghandu jinqasam f' zewg porzjonijiet ugwali sabiex porzjoni minnhom tigi konsenjata lill-attrici; filwaqt li l-porzjon l-iehor jigi konsenjat lill-konvenut wara li minn dan il-porzjoni jigu mnaqqsa s-somma ta' disgha u ghoxrin elf, u tmienja u sebghin [€29,078] ewro [Lm12,480] rapprezentanti manteniment futur dovut lill-attrici, u s-somma ta' erbat elef, sitt mija disgha u hamsin ewro [€4,659] ekwivalenti ghal [Lm2,000] rapprezentanti l-valur shih tal-vettura Peugeot[9]. Dawn iz-zewg ammonti hekk imnaqqsa mis-sehem tal-konvenut, ghandhom jigu mizjuda mal-prozjon ta' l-attrici.

[2] Illi qed jigi trasferit lill-attrici s-sehem tal-konvenut mill-oggetti mobbli, ghamara u deheb u hagar prezjuz li fil-prezent jinsabu fil-fond fuq indikat; ukoll ghandu jitrasferixxi sehemu lill-attrici mill-bilanc tas-somma ta' Stg 8,300 li fadal wara li gie saldat id-dejn dovut lit-tifla tal-partijiet.

[3] Illi minn naha l-ohra qed jigu trasferiti lill-konvenut, is-sehem ta' l-attrici tas-somma ta' Lm3,622, il-vettura Peugeot IBA 942 li tinsab fil-pussess ta' l-istess konvenut, u s-sehem ta' l-attrici mill-inkwilinat tal-fond 'Josef' Triq Viani Street, Sliema, li allura ghandu jibqa' fuq isem il-konvenut.

[4] Illi kull depositu bankarju li fil-gurnata tal-gudizzju odjern jinsab fuq isem parti jew ohra ghandu jibqa' ta' dik il-parti.

[5] Illi jekk fil-gurnata tal-gudizzju odjern jezistu xi vetturi ohra li nxtraw waqt iz-zwieg, dawn ghandhom jinbighu u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

[6] Illi kull dejn li sar mill-parti, ad insaputa tal-parti l-ohra, u li jezisti fil-gurnata ta' dan il-gudizzju, ghandu jibqa' kollu kemm hu ta' dik il-parti li tkun ghamlitu.

---

[9] Skond is-sub inciz [c] tal-artikolu 48[1] tal-Kap.16 stante li l-vettur kienet mixtrija mill-attrici.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddecidi l-azzjoni attrici billi:
[1] tilqa' l-ewwel talba fit-termini tagha;
[2] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba, stante li l-meritu jinsab esawrit;
[3] tilqa' t-tielet talba u tapplika fil-konfront tal-konvenut id-dispost ta' l-artikolu 48 tal-Kap 16, fl-intier tieghu;
[4] tilqa' r-raba talba limitatament ghall-perijodu ta' sena millum; wara liema perijodu kemm l-attrici kif ukoll l-okkupanti tal-fond 'Des Mari House' qed jigu ordnati jivvakaw l-istess fond;
[5] tilqa' il-hames talba u tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti, u l-assenjazzjoni ta' l-assi tal-komunjoni kif fuq stabbilit that is-sezzjoni **"Komunjoni ta' l-Akkwisti";**
[6] tilqa' is-sitt talba limitatament ghall-manteniment dovut lill-attrici ghall-futur, u tordna li dan jithallas f' somma globali kif fuq indikat fis-sezzjoni **"Manteniment";**

L-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

Tiddecidi dwar il-kontro talba tal-konvenut billi:

[1] tilqa' l-ewwel t-talba limitatament ghad-dikjarazzjoni tas-separazzjoni personali, kif fuq deciz;
[2] tilqa' it-tieni talba fis-sens fuq deciz;
[3] tichad it-tielet talba;
[4] tichad ir-raba talba;

l-Ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati kollha mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------